MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 22/2009

**John Geranzi Limited**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi interni u l-Prim Ministru ghal kull interess li jista' jkollu u b'dikriet tal-4 ta' Mejju 2009 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tas-socjeta' John Geranzi Limited fejn gie premess:-

Illi is-socjeta' rkorrenti ghandha vertenza mal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni rigward is-sena ta' Stima 1977 (Assessment numru 697788 addizzjonali mahrug

lilha ghas-Sena ta’ Stima 1977 fl-ammont ta’ Lm 7,912). Illi r-rikorrenti bosta snin ilu, u fuq kollox a tempo debito, oggezzjonaw ghal tali stima u ma baqghux passivi.

Illi wara l’fuq minn ghoxrin sena l-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrifjuta formalment ghal tali oggezzjoni u b’hekk finalment, wara dawn is-snin kollha, ir-rikorrent fl-ahhar inghata access ghal tribunal sabiex ikun jista’ jikkontesta tali stima skond il-ligi.

Fl-ittra ta’ rifjut tal-oggezzjoni tieghu l-Kummissarju sostna illi “… d-dhul kif mahrug fil-likwidazzjoni[jiet] originali ghas-snin ta’ stima 1977 [et al] kien baxx wisq biex ikun accettabbli u ghalhekk irreveda dan id-dhul billi hareg likwidazzjoni[jiet] addizzjonali taht l-artikolu 31 tal-Att tal-1994 Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.” (Parentesi tal-Bord).

Illi r-rikorrenti kienu pronti li jintavolaw rikors tal-Appell flimkien ma’ Appendici fis-7 ta’ Settembru 2007 kontra tal-avviz ta’ rifjut. Il-kaz gie appuntat quddiem il-bord fl-2008. Illi fil-kors tal-proceduri tal-Bord hareg b’mod car u lampanti illi minhabba kif zvolgew il-fatti d-dritt ta’ smiegh xieraq tar-rikorrent gie pregudikat minhabba d-dekors taz-zmien.
Illi, inoltre, ir-rikorrenti talbu l-bord biex japplika l-insenjamenti recenti tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-oneru tal-prova f’kaz dwar taxxa addizzjonali (li l-oneru tal-prova jinqaleb).

Illi madankollu b’sentenza datata 22 ta’ Dicembru 2008 il-Bord tal-Kummissarji Specjali (Kaz 29/2007) iddecieda – “Dwar l-ewwel zewg punti hawn fuq, il-Bord ikkunsidra li l-ittra tar-Rifjut tal-KTI (Fol 5) inharget fit-2 ta’ Awissu 2007, waqt li ic-citata sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali inghatat fis-6 ta’ Ottubru 2006 (Fol 29). Ma kienx korrett allura il-KTI f’dak li qal lill-appellant dwar li hlas mhux maghmul tat-‘tax not in dispute’ (u f’dan il-kaz il-kont totali tat-taxxi huwa “in dispute”) kien jinvalidalu l-appell, u dan ghax sa

minn kwazi sena qabel il-Qorti Kostituzzjonali (Pif Breeding vs Avukat Generali u KTI, 6/4/2006 – Fol 47) kienet effettivament ippronunzjat dak li qabel kien l-Artikolu 35(1) tal-Kap 327 bhala “null u bla effett in kwantu dan jivvjola l-Art 6(1) u 39(2) tal-Konvenzjoni (Ewropeja tad-Drittijiet Umani) u l-Kostituzzjoni (ta’ Malta) rispettivament” (Fol 47).

Fl-opinjoni tal-Bord dik is-sentenza (Nota 5, f’fol7) iddahlet mill-KTI fl-Ittra ta’ Rifjut tal-Oggezzjoni b’certa traskuragni li l-istess appellat jirrikonoxxi skond dak li huwa jghid f’fol 84: “Hu minnu wkoll li d-dipartiment kien ghadu ma wettaqx il-korrezzjonijiet necesarji fl-avviz …” u dan meta l-emendi fil-ligi in segwitu ghac-citata Sentenza dahlu bl-Att IV tal-2007 li ghada fis-16 ta’ Marzu 2007, jigifieri hames xhur qabel id-data li fiha nharget l-ittra tar-rifjut (zmien altru milli bizzejjed ghal Dipartiment pubbliku sabiex jaggorna l-prattici u l-formularji tieghu).

Tibqa’ izda il-kwistjoni ta’ jekk, wahdu, dan il-punt, li ovvjament imur favur l-appellant, jammontax ghal kompleta irritwalita’ u nullita’ tal-imsemmija ittra ta’ Rifjut fit-totalita’ taghha. U dan, fil-fehma tal-Bord, ma hux il-kaz ghar-ragunijiet li:-

(a) Ga sa minn wara is-16 ta’ Marzu 2004 dan il-Bord kien qed jissorvola u jikkunsidra bhala totalment insinjifikanti kull riferenza ghal hlas ta’ “tax not in dispute” f’kull att li jitfacca quddiemu.

(b) Ga sa minn wara wara is-16 ta’ Marzu 2004 kien waqqaf kull prattika li jinvoka tali hlas f’kull kwistjoni, rejali jew potenzjali, mat-taxpayers kollha.

u (c) L-anqas, minn wara dik id-data, id-Dipartiment qatt ma invoka in-nullita’ ta’ xi Appell a bazi ta’ “tax not in dispute” mhux imhallsa.

Barra minn dan l-element fis-seduta tal-1 ta’ Settembru 2008 (Fol 49-50) l-appellant argumenta wkoll li hawn hawn fin-nofs Sena Bazi (l-1976) li, barra minn elementi ta’ preskrizzjoni il-kumpanija riedet tinvoka l-impossibilita’

taghha milli tipprezenta l-ahjar dokumenti, xhieda u provi ohra biex taghmel difiza adegwata.
Dwar preskrizzjoni ghandu jinghad li fit-3 ta' Ottubru 1980 (Fol 89) l-Accountants tal-kumpanija kienu ghamlu oggezzjoni formali ghall-assessment originarjament mahrug ghas-Sena Bazi 1976. Fil-kors tal-Kaz l-appellat ressaq ukoll ir-Return ghal dik is-Sena akkumpanjata mill-Audited Accounts, Tax Computation, Capital Allowances Computation, u Capital Assets Return (Fols 100 – 132).

L-unika dokumentazzjoni esibita li tindika skambji bejn il-partijiet rigward dik is-sena hija il-ga citata oggezzjoni (fol 89) li fil-fatt hija datata 3 ta' Ottbru 1980, u ittra tal-appellat tal-10 ta' Jannar 1978 (Fol 134) li kienet dwar cifra ta' Lm1,294 li tidher fl-imsemmijin accounts bhala nfiq fuq Foreign Travel u li, fis-Seduta tal-1 ta' Jannar 2008 (Fol 50) saret dwarha l-osservazzjoni li, bil jew bla l-accettazzjoni taghha mill-KTI, ma kelliex tirrizulta f'tassazzjoni f'livell tal-ammont hawn appellat (Lm7912).

Sa hawn izda l-Bord ma jarax li jezistu grounds ghall-accettazzjoni tal-plea ta' preskrizzjoni. Dan huwa kont li hareg fil-25 ta' Settembru 1980 (Fol 88), jigifieri inqas minn tliet snin wara l-eghluq tas-Sena ta' Stima 1977, u allura entro it-terminu stipulat fl-Artikolu 30(4) tal-Income Tax Management Act.

L-appellant oggezzjona fit-3 ta' Ottubru 1980 (Fol 89), u l-ittra tar-rifjut harget iva 27 sena wara, izda r-regolamenti tal-preskrizzjoni ghal finijiet tal-ligijiet fiskali (essenzjalment l-Art 30(4) ITMA) ma jaghmlux riferenzi ghal dak li jsegwi wara l-oggezzjoni, izda ghas-sottomissjoni ta' return u l-hrug tal-kont (assessment).

Oltre minn dan l-aspett tal-ligijiet fiskali, l-allegat debitu bejn il-partijiet (appellant u appellat) ma jibqax kwistjoni restrittivament fiskali izda jista' jsir wiehed tal-ligi civili b'konsiderazzjonijiet per ezempju fil-kuntest ta' preskrizzjoni kif mequsa fil-Companies Act 1995 (p.e. l-Art 26 dwar iz-zamma ta' records ta' kontijiet). Ghax hemmhekk, u mhux quddiem dan il-Bord, ikun irid isir il-gudizzju dwar jekk trakors ta' 27 sena ghal hrug ta' Ittra ta'

Rifjut lil kumpanija li tkun segwiet in-normi permissibbli u rikjesti ta' zmien li tippermetti l-Companies Act (10 snin) ghaz-zamma ta' kotba tal-kontijiet, huwiex, tali trakors twil, fih innifsu raguni li verament tammonta ghall-impossibilitar ta' presentazzjoni ta' dokumenti li jammontaw ghal prova mehtiega sabiex jigi konfutat kont, hi x'inhi in-natura tieghu u allura inkluz kont tat-taxxa. Jista' jizdied ukoll f'dal-kuntest li l-uniku direttur prezenti fil-proceduri tal-Kaz, is-Sur Godfrey Gialanze, sar azzjonista tal-kumpanija biss fid-9 ta' Dicembru 1988 (Fol 78 u 178), u dahal b'mod attiv bhala direttur meta miet missieru fl-1998 (Fol.79 u 178).

Dan kollu qed jinghad tenut kont ukoll ta' dak li l-appellant jiddeskrivi, mhux minghajr certu ragun, bhala "il-passivita' guridika" tal-KTI f'din li effettivament spiccat vertenza esageratament twila (Fol 54).

Ir-return tas-Sena ta' Stima 1977 waslet ghand id-Dipartiment fis-27 ta' Gunju 1977 (Fol 100), u l-KTI wasal ghal konkluzjoni (vide fol.6) li l-appellant kien wera dhul baxx wisq biex ikun accettabbli. Jidher li indaga mal-appellant dwar dan (ara fol.134), izda xorta baqa' mhux sodisfatt, anki mwiezen minn dak li kien a qualified report tal-istess Awdituri tal-kumpanija. Dak.f – fol.112 ma jistax jitqies bhala an Auditor's Report izda dak f'fol. 122 huwa dikjarazzjoni serja – rapport totalment kwalifikanti – ta' deficjenzi fiz-zamma tal-kontijiet mill-kumpanija u ergo ma jissodisfawx il-Commercial Partnerships Ordnance 1962 (il-predecessur ghal-ligi tal-kumpanija li l-pajjiz ghandu llum), u anqas u anqas allura jista' wiehed jistenna li kellu jissodisfa lil fisco ghal dik li hija serjeta' u kredibilita' fiz-zamma tal-kontijiet f'dak il-livell li l-ligi (Art 19, ITMA) tesigi.

Izda fuq il-medda tas-seduti trattanti l-kaz, kif ukoll rizultanti mis-sottomissjonijiet dokumentati mibghuta, l-appellant aktar beda jinsisiti li l-enfasi principali tieghu hija l-imposizzjoni ta' Taxxa Addizzjonali ta' Lm1,910 (Fol 88) fil-kont appellat tammont ghal "criminal charge" kif ikkontemplata fil-kaz Paykar vs Armenia, deciz mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani (21638/03 – 2 ta' Gunju 2008), fejn dik il-Qorti kienet iddecidiet li kienet saret

vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani meta kienu fic-cirkostanzi ta' dik il-vertenza gew imposti "state fees" (fols 15 – 16) allegatament eccessivi.

Il-Bord, kif ga kellu okkazzjoni jghid fid-Decizjoni Preliminari tieghu tas-17 ta' Dicembru 2008 (Kaz Nru 37/2006) jaghti piz lis-segwenti elementi fil-kaz Paykar vs Armenia u b'mod partikolari fejn jidhol il-kuntest purament f'Malta:-

(1) L-Onor Imhallfin tal-ECHR hassew il-htiega li fil-parti inizjali tas-Sentenza taghhom (dik fejn jiddiskutu l-ammissibilita' o meno ta' l-hemm allegata vjolazzjoni) il-kliem "criminal charge" u "criminal" (Fol 19) urewh "fra virgolette". Dan, skond il-prassi lingwistika (ara per ezempju Sir Ernest Gowers – "Complete Plain Words", Pelican 1963, p 253) ifisser li l-kliem hawnhekk qed jintuza "in an unusual sense".

(2) Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani kienet konxja w attenta milli tassumi li it-terminu "criminal", kif uzat b' mod generali fil-Konvenzjoni, huwa identiku fit-tifsira u il-klassifika legali tieghu kullimkien. It-"taxxa addizjonali' fil-ligi Maltija hija imposta meta taxpayers (inter alia) ma jibaghtux ir-return dovuta, u/jew jibaghtuha tard, u/jew ma jiddikjarawx dhul b'intenzjoni cara li jiffrodaw lil fisco, u/jew jevadu it-taxxa. Dawn bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala reati kriminali fis-sens tal-ligi domestika Maltija.

(3) It-terminu 'criminal charge" f' Paykar vs Armenia huwa kkundizzjonat fit-tifsira tieghu mill-Engel criteria (Fol 8) u cioe' il-klassifika tal-offiza fil-ligi domestika, in-natura tal-offiza, u l-livell tas-severita' tal-possibbli sanzjoni. Il-klassifika legali u n-natura tal-offiza ta' dikjarazzjioni illecitament baxxa ta' dhul (Fol 6, para 4) fil-ligi Maltija huma offizi fiskali, u zgur mhux kriminali kif it-terminu "kriminali" hu mifhum domestikament.

Dwar is-severita' tat-Taxxa Addizzjonali ta' Lm1910 (Fol 88) il-Bord ikkalkula din fil-livell ta' 10.3% fuq ic-cifra tad-dhul taxxabbli minn Negozju u Sengha kif deciz ex ufficio

mill-KTI (fil-livell ta’ lm18468), u fil-livell ta’ 31.8% fuq l-ammont tat-taxxa pagabbli fuq l-istess dhul (jigifieri Lm 6,002) – (Fol 88). Dawn il-persentaggi certament ma humiex eccessivi u/jew severi (fil-kuntest tal-kriterji Engel) meta mxebbha mal-200% (u f’certi cirkostanzi tista’ tinhadem bhala li effettivament tigi anki aktar) additional tax li l-KTI hu fakoltat jimponi ghall-offiza ta’ nuqqas ta’ inkluzjoni ta’ ammonti li suppost ikunu iddahhlu fir-Return, ai termini tal-Artikolu 56(12)(b) tal-Income Tax Act 1948, Kap 123.

Il-Bord iqis allura li l-appellant ma hux korrett f’li jsostni li dan l-assessment ma harigx korrettement, ragjonevolment, u gustament.

L-anqas ma hu korrett (Fol 135) jinvoka l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta bhala li jobbliga lil dan il-Bord li jirreferi din – li hija kwistjoni invokata f’ Appell taht il-provvedimenti tal-Artikolu 35 tal-Att Nru. XVIII tal-1994, Income Tax Management Act – lil Qorti Kostituzzjonali. Il-kazistika tal-istess Qorti Kostituzzjonali (e.g. Pulizija vs Emanuel Vella, 28/6/1983; Kummissarju ta’ l-Artijiet vs Ignatius Licari, 30/6/2004; Anthony Grech vs Claire Calleja et, 29/2/2008) hija indikattiva ta’ dan.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord jiddeciedi billi jichad l-Appell u jikkonferma il-likwidazzjoni kif mahruga fil-25 ta’ Settembru 2008 a Fol 88.”

Illi l-esponent interpona appell lill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri stante illi hass ruhu aggravat bid-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ Kummissarji Specjali fit-22 ta’ Dicembru, 2008 (Kaz 29/2007) fl-ismijiet premessi John Geranzi Limited kontra Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Il-gravam ta’ tali appell kien illi:

‘3.1 Il-Bord zbalja meta accetta avviz ta’ rifjut illi jikkomprendi rekwizit illi jikser il-Kostituzzjoni.

3.2 Il-Bord accetta stima illi harget b’mod illegali u cahhad lill-esponent milli jikkontestaha kif imiss fic-cirkostanzi.

3.3 Il-Bord naqas milli japplika l-oneru tal-prova kif tikkmanda l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea Dwar id-drittijiet tal-Bniedem.'

Illi huwa car u manifest illi tali gravam huwa intrinsikament ta' indoli kostituzzjonali kwantu:

L-esponent ma nghatax id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien qasir, u d-dekors taz-zmien xejjen id-dritt tieghu illi jressaq difiza kif imiss.

Il-Bord naqas milli japplika l-oneru tal-prova kif tikkmanda il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea Dwar id-drittijiet tal-Bniedem u b'hekk kiser id-dritt ghal Smigh Xieraq tal-esponenti.

Illi ghalhekk, anke fuq sollecitazzjoni tal-Qorti tal-Appell, kellha issir din il-kawza kostituzzjonali.

1. Ksur tad-dritt Ghal Smigh Xieraq fi Zmien Qasir

Ir-rikorrent ilanja mill-fatt illi l-Kummissarju dam wisq zmien biex johrog l-avviz ta' rifjut tieghu.  Tali dewmien ippregudika irrimedjabilment id-dritt tar-rikorrent ghad-difiza tieghu u hallieh in limbu ghal bosta snin.  Biex terga' u tghaqad il-Bord accetta stima illi harget b'mod illegali u cahhad lill-esponent milli jikkontestaha kif imiss fic-cirkostanzi.

Hija haga vergonjuza illi kellu jigi trattat appell dwar sena ta' stima 1977 fl-2008.  Di fatti kien l-istess Bord illi rrimarka illi "Dan kollu qed jinghad tenut kont ukoll ta' dak li l-appellant jiddeskrivi, mhux minghajr certu ragun, bhala "il-passivita' guridika" tal-KTI f'din li effettivament spiccat vertenza esageratament twila (Fol. 54).'

Proceduri dwar din il-vertenza hadu mhux anqas minn 31 sena.  Id-dewmien ta' zmien zmizuratament oxxen mhux talli kiser id-dritt ghal smigh xieraq f'qasir zmien tal-esponent (Artikolu 6 Konvenzjoni, Artikolu 39 tal-Kostituzjoni) tali zvestih mid-dritt illi jressaq kontestazzjoni

kif kien imiss fic-cirkostanzi. Ghadda wisq zmien u d-dramatis personae mietu u ma setawx jixhdu izda din l-isofrtuna l-Bord injoraha ghal kollox. Wara dan iz-zmien kollu certu dokumenti ma stabux izda dan ma jfissirx illi l-istima kellha titqies korretta. L-appellant ma kienx tenut izomm aktar books and records (a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kaz 174 kif rappurtat Vol. V. p. 209 ta' Decisions of the Court of Appeal kif jirrizulta mill-estratt anness) u ghaldaqstant gie kompletament iddenudat milli jikkontesta l-istima bix-xhieda tan-nies li kienu fil-kumpannija fiz-zmien imsemmi meta gie rinfacciat bi istima ex officio bazata fuq meri kongetturi u numri ivvintati in vacuo. Il-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell tghid b'mod car 'Jekk ikunu lahqu ghaddew aktar minn disgha (9) snin ma tistax persuna tbati konsegwenzi jekk wara li ghadda dak il-perjodu ma tkunx zammet ir-records li kellha precedentement'.

Dan il-punt tqajjem debitament fil-kors tal-kawza izda il-Bord wasal ghall-konkluzjonijiet illi ma jsibu l-ebda riskontru mkien u ma jaghtux kont ghall-fattispecje partikolari tal-kaz. B'hekk inkiser id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq.

Di fatti wiehed ma jsibx sentenza wahda fis-sentenza tal-Bord li tikkonferma ghaliex l-istima hija gusta. Il-Bord strah fuq stimi mahruga bosta snin ilu minghajr ma fittex u studja r-razjocinju wara tali stimi. Minkejja illi l-istima giet kontestata fuq il-mertu jidher illi l-Bord naqas milli jgharbel tali stima kif kien imiss. Il-bord ghaggel u kien impazjenti mall-appellanta, il-kwistjoni tal-additional tax innervjatu u naqas milli japprezzaha debitament ghalhekk intempistavement wasal ghall-konkluzjonijiet affrettati illi ma jsibux sostenn fil-gurisprudenza u r-razjocinju. Ghalhekk ukoll inkiser id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq.

2. Il-Bord naqas milli japplika l-oneru tal-prova kif tikkmanda il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea Dwar id-drittijiet tal-Bniedem u b'hekk kiser id-dritt ghal Smigh Xieraq tal-esponenti.

Il-Bord zbalja dwar il-kwestjoni tal-oneru tal-prova. Kif osserva l-Bord stess, il-kwestjoni tikkonferna element ta’ taxxa addizzjonali ta’ 31.8% fuq l-ammont tat-taxxa pagabbli. Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea in materja hija cara.

Id-difensur tal-appellant gibed l-attenzjoni tal-Bord ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem illi, fil-qosor, izda testwalment u b’semplicita u kjarezza kbira tghid f’ Hannu Lehtinen v. Finland (Application no. 32993/02):

‘Article 6 is applicable under its criminal head to tax surcharge proceedings’.

Illi ghalhekk kellu jsegwi illi proceduri dwar taxxa addizjonali ghandhom jaderixxu ghan-normativi kollha relattivi ghad-drittijiet tal-bniedem u dawn jinkludu d-dritt tas-silenzju, il-prezunzjoni tal-innocenza, u r-regola illi l-piz tal-prova ghandu jinkombi fuq l-appellant.

3. Illi l-Bord naqas milli japprezza debitament l-implikazzjonijiet procedurali tas-sentenzi citati tal-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

Illi jinghad minghajr tlaqlieq ta’ xejn illi l-punt li tqajjem minkejja illi huwa punt ta’ certu novita’ ghal pajjizna kif ukoll ghal bord huwa bazat fuq gurisprudenza kostanti u pacifika tal-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Illi l-argument tal-appellant ibbazat fuq studju akkurat u dettaljat tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem kien illi l-vertenza kienet tinvolvi kewstjoni dwar taxxa addizjonali, tali taxxa addizzjonali ghandha elementi ta’ ‘criminal charge’ ghall-fini tal-Engel criteria stabbiliti mill-Qorti Ewropea u ghalhekk kellhom japplikaw il-garanzija kollha tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

(fost dawn r-regola dwar l-oneru tal-prova u l-prezunzjoni tal-innocenza).

Illi l-Bord applika kriterji antikwati u sorpassati dwar x' inhu u x'mhuwiex criminal charge ghal fini tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem. Illi huwa u jaghmel dan il-bord issorvola principji u injora l-importanza tal-kriterji stabiliti mill-Qorti Ewropea dwar il-kuncett tal-Konvenzjoni ta' Criminal charge. Illi appellant sostna l-argument illi kaz dwar additional tax huwa criminal charge al fini tal-Konvenzjoni a bazi tat-tielet fergha indipendenti tal-Engel criteria illi tghid illi meta taxxa addizzjonali tkun deterrent and punitive dik tammonta ghall-criminal charge ghall-fini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ta' min isemmi il-kazijiet sottomessi lill-Qorti Ewropea kienu kawzi quddiem tribunali amministrattivi bhall-bord.

Illi in vista tad-deduzzjonijiet skorretti tal-bord huwa wkoll importanti illi jigi reprodott silta mid-decide Fil-kaz ”Paykar Yex Haghaykar haghtanak Limited vs Armenia” (application no. 21638/03) fejn il-Qorti Ewropea b'mod elokwenti qalet hekk:-

'32. The Court reiterates at the outset that tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations under Article 6, despite the pecuniary effects which they necessarily produce for the taxpayer (see, among other authorities, Ferrazzini v. Italy [GC], no. 44759/98 § 29, ECHR 2001 VII). However, when such proceedings involve the imposition of surcharges or fines, then they may, in certain circumstances, attract the guarantees of Article 6 under its “criminal” head (see Bendenoun v. France, judgment of 24 February 1994”

“The present case concerns proceedings in which the applicant company was found to be liable to pay profit tax, VAT and simplified tax plus additional surcharges and fines. It remains therefore to be determined whether Article 6 can be applicable to the proceedings in question under its ‘criminal’ limb.

"33. The Court reiterates that the concept of "criminal charge" within the meaning of Article 6 is an autonomous one (see Janosevic, cited above, §65). In determining whether an offence qualifies as "criminal", three criteria are to be applied: the legal classification of the offence in domestic law, the nature of the offence and the degree of severity of the possible penalty (see Engel and Others v. the Netherlands, judgment of 8 June 1976, Series A no. 22, pp. 34-35, § 82; Ozturk vs. Germany, judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, p. 18, § 50; and Ezeh and Connors v. the United Kingdom [GC], nos. 39665/98 and 40086/98, § 82, ECHR 2003 X). The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative: for Article 6 to apply by virtue of the words "criminal charge", it suffices that the offence in question should by its nature be "criminal" from the point of view of the Convention, or should have made the person concerned liable to a sanction which, by its nature and degree of severity, belongs in general to the "criminal" sphere (see Janosevic, cited above, § 67). The minor degree of the penalty, in taxation proceedings or otherwise, is not decisive in removing an offence, otherwise criminal by nature, from the scope of Article 6 (see Jussila, cited above, § 35, where the Court found Article 6 to be applicable even when the surcharge imposed amounted to only 10 per cent of the tax due).

"34. Turning to the first criterion, the surcharge and fines in the present case were imposed in accordance with various tax laws and are not classified as criminal. This is, however, not decisive (ibid., § 37).

"Furthermore, the surcharge and the fines are not intended as pecuniary compensation for any costs that may have been incurred as a result of the compensation for any costs that may have been incurred as a result of the taxpayer's conduct. The purpose pusued by these measures is to exert pressure on taxpayers to comply with their legal obbligations and to punish breaches of those obligations. The penalties are thus both deterrent and punitive.

“36. The Court considers that the above is sufficient to establish the criminal nature of the offence (ibid., § 38). It would, nevertheless, also point out that in the present case the application company had quite substantial penalties imposed on it: the fines ranging from 10 to 50 per cent and the surcharge for the period od delay cumulatively amounting from about 5 to 43 percent of the tax due.

“37. In the light of the above, the Court concludes that the proceedings to which the applicant company was a party can be classified as “criminal” for the purposes of the Convention. It follows that Article 6 applies.”

Illi meta wiehed jaqra il-bran mis-sentenza citata wiehed necessarjament jasal ghal konkluzjoni illi in kwantu l-proceduri tal-bord kienu jikkomprendu proceduri dwar taxxa addizjonali ta’ 31.8% illi hija deterrent u punitive simili hafna ghal dik in kwestjoni fil-kazijiet Finlandizi u l-kaz Armen citat il-bord kien obbligat japplika l-Artikolu 6 fl-intier tieghu fl-operat tieghu, specjalment ir-rekwizit dwar l-oneru tal-prova, n-nuqqas tieghu jammonta ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.

4. It-Talba Tar-Rikorrenta

Illi, in succint, l-esponent qed isostni illi:

Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bhala awtorita’ kwazi gudizzjarja kiser id-dritt ghal smiegh xieraq tal-esponent ghaliex dam kwazi tletin sena biex johrog avviz ta’ rifjut ta’ oggezzjoni;
Il-Bord kiser id-dritt tal-esponenti ghal smiegh xieraq ghaliex accetta proceduri amministrattivi illi cahdu lir-rikorrent milli jressaq difiza kif imiss;

Il-Bord segwa proceduri zbaljati rigward l-oneru tal-prova u d-dritt tal-esponenti u l-ufficjali taghha ghas-silenzju.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenta titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti illi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, bid-dewmien tieghu, kif ukoll is-sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Specjali u l-proceduri segwiti minn tal-Bord jiksru d-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39 (Smigh xieraq).

2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bid-dewmien tieghu, kif ukoll is-sentenza tal-Bord tal-Kummissarju Specjali jiksru d-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 (Smigh Xieraq); u

3. Tiddikjara illi vertenza dwar taxxa addizjonali hija 'criminal charge' ghall-fini tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamenatli tal-Bniedem fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 (Smigh Xieraq) u l-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39 (2) (Smiegh xieraq) u ghaldaqstant is-subinciz (3) tal-Artikolu 35 tal-Kap 372 ma japplikax fil-fattispecje u l-garanziji kollha tal-Artikolu 6 ghandhom japplikaw ghal kaz odjern kif spjegat.

4. Tiddikjara illi l-Bord tal-Kummissarji Specjali kiser l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem ghaliex filwaqt illi kkundanna l-passivita' guridika tal-intimat ma pprovdix rimedju effettiv ghal tali nuqqas.

5. Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti.

6. Thassar is-sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Specjali fl-ismijiet John Geranzi Limited C 506 Numru tar-Registrazzjoni 990117926 vs Kummissarju tat-Taxxi Interni tat-22 ta' Dicembru, 2008 (Kaz Numru 29/2007).

7. Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi u ta' dawn il-proceduri kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimati Kummissarju tat-Taxxi Interni u Onor. Prim Ministru fejb gie sottomess:-

1. Illi preliminarjament l-intimat Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-prezenza tieghu fil-kawza mhux necessarja jew indikata fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12.

2. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li l-kumpanija rikorrenti ma esawrietx ir-rimedji ordinarji ai termini tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b' mod partikolari l-appell mid-decizjoni tal-Bord quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) liema appell il-kumpanija rikorrenti tidher li ma tridux jinqata' u ghalhekk ghamlet din il-kawza biex ittawwal u sservi ta' ostakolu ghall-konkluzjoni ta' l-imsemmja proceduri ta' appell.

3. Illi fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti u dan ghas-segwenti motivi li qeghdin jigu avvanzati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

3.1 Illi jirrizulta car li din il-vertenza hija purament kwistjoni fiskali li ma tqanqal ebda kwistjoni li abbazi taghha jista' jigi invokat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (dritt ta' smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi) stante li l-hlas ta' taxxa hija obbligu socjali naxxenti mill-ligi u certament dan l-obbligu ma jista' qatt jikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' drittijiet ta' natura civili u lanqas ma jista' jikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' akkuza kriminali stante illi l-proceduri odjerni huma ta' natura strettament fiskali u mhux penali. Illi f'dan ir-rigward l-esponent jirrileva ukoll illi r-referenza tas-socjeta rikorrenti ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet 'Hannu Lehtinen vs Finland'

hija ghal kollox barra minn lokha peress illi f'dak il-kaz l-kwistjoni kienet arginata biss madwar il-fatt illi l-Qorti Amministrattiva Finlandiza kienet irrifjutat li taghti smiegh orali lil Lehtinen wara li kien inhariglu kont li kien iqis illi l-ammonti ta' bejgh maghmlula minn kumpannija tieghu u mhux dikjarati kienu fil-fatt qliegh tieghu personali ghax kienu jikkostitwixxu 'undeclared dividends'. F; dan il-kaz certament illi r-rikorrent ma tistax tavvanza xi pretensjoni fis-sens illi giet imcahhda milli tittratta ghax dan ghamlitu ad oltranza.

L-istess japplika dwar il-kawza fl-ismijiet Paykar Yev Haghtanak Ltd v Armenia fejn il-kwistjoni kienet dwar il-fatt illi l-Qorti ta' Kassazzjoni Armena ma semghatx l-appell ghax ma thallassx id-dritt dovut lill-Qorti u dan ghamlitu minkejja li l-kumpannija appellanti kienet ghamlet talba biex tigi ezentata mill-hlas immedjat stante li ma kellhix fondi. Fil-kaz odjern s-socjeta rikorrenti mkien ma giet imcahhda minn xi dritt ta' appell jew minn xi dritt ghas-smiegh u ghalhekk il-konkluzjonijiet fil-kawza Armena huma ukoll ghal kollox irrilevanti.

3.2 Illi kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet vantati mill-kumpanija rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni dejjem agixxa fil-parametri tal-ligi ai termini tal-Kap.123 u 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt il-kumpanija rikorrenti qed tippretendi li l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni naqas meta rrifjuta id-dikjarazzjonijiet tal-kumpanija rikorrenti dwar l-introjtu reali taghhom ghas-sena ta' stima 1977 li gew ipprezentati minflok id-dokumentazzjoni mehtiega mill-ligi biex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom u dan bi ksur tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Effettivament kien dan in-nuqqas ta' ottemperanza mal-ligi da parte tal-kumpanija rikorrenti tul dawn is-snin kollha f'dak li jirrigwardja is-sena ta' stima 1977 li wassalhom biex l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Nterni rrifjuta d-dikjarazzjonijiet taghhom li kienu jindikaw dhul baxx wisq, li l-esponent jenfasizza li ma giex sostanzjat mid-dokumentazzjoni necessarja kif jirrikjedi l-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

3.3 Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba dedotti fir-rikors l-esponenti jissottomettu li fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Kummissarji Speċjali kien korrett meta iddeċieda illi waħdu, il-punt li l-Avviż ta' Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tat-2 ta' Awissu 2007 jirreferi għar-rekwiżit tal-ħlas ta' tax 'not in dispute', ma jirrendix dak l-Avviż irritu u null.

Illi ta' min jenfasizza li l-imsemmi rifjut ta' Oġġezzjoni maħrug mill-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni kien imsejjes fuq ragunijiet prinċipali diversi u indipendenti mir-rekwiżit tal-ħlas ta' tax 'not in dispute'. Fil-fatt, l-esponent qatt ma nsista fuq il-ħlas tat-taxxa 'not in dispute' u l-kumpanija rikorrenti ma ġietx imwaqqfa milli tintavola appell quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali minkejja li l-ammont ta' 'tax not in dispute' ma kienx tħallas, kif fil-fatt ghamlet.

Illi huwa punt ta' fatt mhux kkontestat li l-kumpanija rikorrenti, fis-7 ta' Settembru 2007, appellat mill-Avviż ta' Rifjut ta' l-esponent tat-2 ta' Awissu 2007 liema appell ġie deċiż mill-Bord ta' Kummissarji Speċjali dwar it-Taxxa fuq id-Dħul. Allura l-allegazzjoni tal-kumpanija rikorrenti li gie lez id-dritt taghha ta' smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali hija waħda infondata u konfliġġenti mar-realtà tal-fatti li, a kuntrarju, juru li l-kumpanija rikorrenti ingħatat l-opportunità li tappella mill-Avviż ta' Rifjut mingħajr problemi ta' xejn.

Illi mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali jirriżulta ukoll li:

"(a) Ga sa minn wara is-16 ta' Marzu 2004 dan il-Bord kien qed jissorvola u jikkunsidra bhala totalment insinjifikanti kull riferenza ghal hlas ta' tax not in dispute f'kull att li jitfacca quddiemu,

(b) Ga sa minn wara is-16 ta' Marzu 2004 kien waqqaf kull prattika li jinvoka tali hlas f'kull kwistjoni, rejali jew potenzjali, mat-taxpayers kollha, u

(c) L-anqas, minn wara dik id-data, id-Dipartiment qatt ma invoka in-nullita' ta' xi Appell a bazi ta' tax not in dispute mhux imhallsa."

Illi ghalhekk, jirrizulta li effettivament id-dritt tal-kumpanija rikorrenti li tirrikorri biex tikkontesta l-imposizzjoni jew esazzjoni ta' taxxa quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali u sussegwentement, quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), imkien ma ġie leż f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Inoltre, l-allegazzjoni tal-kumpanija rikorrenti li r-referenza għar-rekwiżit tal-ħlas ta' tax 'not in dispute' tikkawża n-nullità ta' l-Avviż ta' Rifjut ma tibbaża ruħha fuq l-ebda artikolu tal-liġi u hija biss pretensjoni infondata tal-kumpanija rikorrenti. Ghalhekk l-argument tal-kumpanija rikorrenti dwar in nullità tal-Avviż ta' Rifjut mhux sostenibbli.

3.4 Illi kwantu ghad-dewmien fil-hrug tar-rifjut (haga li wahedha certament li ma ggibx in-nullita tal-proceduri jew tas-sentenza tal-Bord) ghandu jinghad ukoll illi d-dewmien fil-każ kien riżultanti ta' serje ta' ċirkostanzi li d-Dipartiment ma kellux kontroll fuqhom u li dwarhom saret ukoll nota ta' sottomissjonijiet ta' l-esponent quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali tad-19 ta' Settembru 2008. Illi ulterjorment, għalkemm ir-rifjut ta' oġġezzjoni dam ma nħareġ, ma hemm xejn fil-liġi li jiddetermina t-terminu li fih għandu jinħareġ dan ir-rifjut. Kif ben osserva l-Bord:

'Sa hawn iżda l-Bord ma jarax li jezistu grounds għall-aċċettazzjoni tal-plea ta' preskrizzjoni. Dan huwa kont li ħareg fil-25 ta' Settembru 1980 (Fol 88), jiġifieri inqas minn tliet snin wara l-eghluq tas-Sena ta' Stima 1977, u allura entro it-terminu stipulat fl-Artikolu 30(4) tal-Income Tax Management Act';

Illi l-intimat Kummissarju jixtieq jinnota li l-kumpanija rikorrenti ilha li oġġezzjonat għall-istima addizzjonali mertu ta' din il-vertenza sa mit-3 ta' Ottubru, 1980 u għalhekk ilha konxja sa minn dak iż-żmien li kienet teżisti vertenza mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar is-sena stima in

kontestazzjoni, żmien meta kellha a disposizzjoni tagħha l-provi kollha neċessarji nkluż il-kotba tan-negozju. Ghalhekk kien fl-interess tal-kumpanija rikorrenti li jiġu ppreservati d-dokumenti biex eventwalment jintuzaw fid-difisa tal-każ tagħha. Illi in kwantu gie sottomess illi l-proceduri kellhom jigu dikjarati nulli ghax miet min kien imexxi l-kumpanija fiz-zmien rilevanti, l-esponenti jissottomettu illi kumpanija ma tmutx apparti l-fatt li kien hemm altru zmien bizzejjed biex il-kumpanija ggib il-provi lill-Kummissarju illi l-qliegh taghha kien fil-fatt baxx kif dikjarat. Inoltre, kien hemm altru zmien bizzejjed sabiex jigu prezervati l-provi li f' kazijiet bhal dawn rari ikunu biss okulari.

Inoltre, l-esponenti jenfasizzaw li d-Dipartiment talab informazzjoni ulterjuri, dokumentazzjoni u spjegi neċessarji mhux issa, iżda meta kien qed jagħmel il-verifiki fuq is-sena ta' stima in kwistjoni, jiġifieri lura fis-sena 1978. Għalhekk l-intimat Kummissarju mhux sorpriż bis-sottomissjoni tal-kumpanija rikorrenti li mhiex f'posizzjoni li tipprezenta d-dokumenti u l-ispjegazzjonijiet mitluba mill-Kummissarju meta l-kumpanija rikorrenti stess ma kienitx f'pożizzjoni li tipprovdi dawn il-provi fiż-żmien opportun.

Illi effettivament, il-Bord wasal għall-konklużjoni ġusta li:

'Ir-return tas-Sena ta' Stima 1977 waslet għand id-Dipartiment fis-27 ta' Ġunju 1977 (Fol 100), u l-KTI wasal għal konklużoni (vide Fol 6) li l-appellant kien wera dħul baxx wisq biex ikun aċċettabbli. Jidher li indaga mal-appellant dwar dan (ara Fol 134), iżda xorta baqa' mhux sodisfatt, anki mwieżen minn dak li kien a qualified report tal-istess Awdituri tal-kumpanija. Dak f'Fol 112 ma jistax jitqies bħala an Auditor's Report iżda dak f'Fol 122 huwa dikjarazzjoni serja – rapport totalment kwalifikanti – ta' defiċjenzi fiż-żamma tal-kontijiet mill-kumpanija u ergo ma jissodisfawx il-Commercial Partnerships Ordnance 1962 (il-predecessur għal-liġi tal-kumpanija li l-pajjiz għandu llum), u anqas u anqas allura jista wiehed jistenna li kellu jissodisfa lil fisco għal dik li hija serjeta' u kredibilita' fiż-

żamma tal-kontijiet f'dak il-livell li l-ligi (Art 19, ITMA) tesiġi.'

Illi ghalhekk, a kuntrarju tal-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet infondati tal-kumpanija rikorrenti fir-rikors odjern, il-Bord kien ġust meta sab illi:

"...l-appellant ma hux korrett f'li jsostni li dan l-assessment ma ħariġx korrettament, raġonevolment u ġustament";

3.5 Illi ghandu jingħad ukoll li ghalkemm l-kaz dam pendenti dawn is-snin kollha, il-kont ta' l-intimat Kummissarju nhareg fil-25 ta' Settembru 1980 u matul il-proceduri kollha l-kumpanija rikorrenti inghatat kull opportunita li tiddefendi l-posizzjoni taghha skond il-ligi anke permezz ta' avukat u awditur (kif fil-fatt gara). Illi l-fatt li r-rifjut dam bosta snin sabiex inhareg ma jfissirx awtomatikament li l-oneru tal-prova ghandu jinbidel stante li jirrizulta li din il-vertenza ma gietx sorvolata qabel peress li kienet il-kumpanija rikorrenti stess li naqset milli ggib id-dokumentazzjoni necessarja u kienet inadempjenti ai termini tal-Kap 386. Inoltre, il-fatt li l-esponent il-Kummissarju tat-Taxxi Interni impona taxxa addizzjonali limitatament fuq l-ammont li l-kumpanija rikorrenti ma ddikjaratx, kif kellha l-obbligu li taghmel, ma jfissirx li tali sanzjoni li del resto tohrog mill-ligi, awtomatikament tikser id-drittijiet fundamentali tal-kumpanija rikorrenti taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Inoltre, mid-decizjoni spjegattiva u ben motivata tal-Bord jirrizulta car li l-istess Bord mexa metikolozament b'mod imparzjali u skond id-dettami ta-ligi u b' equality of arms. F' dan ir-rigward huwa enfasizzat ukoll illi l-fatt li fil-kazijiet tat-taxxa huwa min qed jallega li l-assessment huwa zbaljat li jrid jipprova l-kaz tieghu u mhux il-kontra, bl-ebda mod ma jivvjola l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fejn l-inverzjoni tal-oneru tal-prova hija permessa sakemm din ma tkunx tali li tqieghed lil xi parti fl-impossibilita li tipprova l-kaz taghha. Huwa manifest illi f' kazijiet ta' evazjoni tat-taxxa huwa min jevadi illi jkun jaf ezatt kemm evada u mhux id-Dipartiment tat-Taxxa u ghalhekk huwa mill-izjed logiku li l-oneru tal-prova li

assessment huwa zbaljat irid jinkombi fuq it-taxpayer li ghandu l-informazzjoni.

3.6 Illi fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors li tirrigwardja jekk taxxa addizzjonali tistax tigi interpretata bhala ‘criminal charge’ jew le l-esponenti jirrilevaw illi anke s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja li applikaw l-Artikolu 6 ghal kazijiet ta’ taxxa addizzjonali u ta’ multi relatati mat-taxxa imkien ma komplew biex qalu li f’dawn il-kazijiet hemm proceduri kriminali veri u proprji izda qalu biss li l-Artikolu 6 japplika meta wiehed jaghti interpretazzjoni ‘awtonoma’ lill-kliem ‘criminal charge’. Illi ghalhekk il-konkluzjonijiet kollha li qed taghmel il-kumpanija rikorrenti li assumiet li l-proceduri ta’ appelli dwar taxxa ghandhom jitmexxew bhala procedimenti kriminali (bid-dritt ghas-silenzju u bl-inverzjoni ta’ l-oneru tal-prova) huma ukoll ghal kollox infondati u ma jsibu ebda sostenn fl-istess decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja citati mill-kumpanija rikorrenti stess. Inoltre, ghandu jinghad li kemm l-Att dwar it-Taxxa (Kap 123) kif ukoll l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap 372) huma lex specialis li jirrigwardjaw il-ligi fiskali ta’ Malta. Altrimenti, jekk il-legislatur ma jistipulax artikoli ta’ infurzar, ic-cittadini jkunu liberi li jagixxu kif ifettlilhom u jiddikjarw dak biss li jfettlihom minghajr ma jissostanzjaw l-introjtu reali taghom bid-dokumentazzjoni necessarja kif anke jesigi l-Att daw il-Kumpaniji (Kap 386). Inoltre, il-fatt wahdu li l-ligi tipprovdi ghall-eventwalita ta’ taxxa addizzjonali, fl-eventwalita li jirrizulta mill-provi (kif sehh) li tali persuna ma osservatx ir-rekwiziti tal-ligi, huwa ghal kollox normali u ma jgibx bhala konsegwenza xi ksur tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni. Ukoll ghandu jigi rilevat li l-fatt wahdu li l-kumpanija rikorrenti ma qablitx mal-kalkulazzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, minghajr ma gabet il-prova kuntrarja ma jfissirx li l-oneru tal-prova ghandu jinqaleb jew li l-esponent Kummissarju m’ghandux ikollu d-dritt li jimponi taxxa addizzjonali li hija dovuta skond il-ligi.

Illi bir-rispett kollu, huwa esagerat li l-kumpanija rikorrenti tippretendi li l-Bord ikkreat skond l-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ghandu jinjora l-Att li jirregolah billi jadopera milflok proċedura użata fl-ambitu Kriminali.

Din bir-rispett kollu, hija aspettativa assurda li tibbaża ruħha biss fuq analoġija infondata ma' deċiżjoniji tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jolqtu ċirkostanzi ben diversi minn dawk li jipprevalu fil-każ odjern. Dan huwa raġunament żbaljat għal kollox tal-kumpanija rikorrenti li ma jsib l-ebda saħħa fil-leġiżlazzjoni u, jew ġurisprudenza lokali u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u, jew il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi fil-fatt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mhux applikabbili għal każ odjern billi materja konnessa mat-taxxa ma taqgħax fid-definizzjoni ta' 'drittijiet u obbligi civili' skond l-Artikolu 6(1) (Ferrazzini v Italy deciza (12.7.2001) (Ref. 44759/98). Inoltrè, it-taxxa addizzjonali ai termini ta' l-Atti dwar it-Taxxa hija purament ta' natura fiskali u ma għandha l-ebda elementi ta' 'criminal charge' kif qed tallega infondatament l-kumpanija rikorrenti. L-Artikolu 6 huwa ċar fis-sub-artikolu 2 fejn jgħid li "kull minn ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ppruvat ħati skond il-liġi" u kwistjonijiet ta' natura fiskali ma humiex reat kriminali skond il-liġi u l-gurisprudenza ta' Malta għad-differenza ta' pajjiżi oħra bħal Finlandia kif jirrizulta' mill-każ 'Case of Hannu Lehtinen v. Finland' kkwotat mill-kumpanija rikorrenti.

Illi l-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Artikoli 49 sa 57 jipprovdi għal reati u pieni kriminali li jistaw jiġu mposti biss sussegwentement li jkun hemm kundanna mill-Qrati ta' Gudikatura Kriminali. Effettivament jirrizulta li l-intimat Kummissarju m'għandux il-poter li jimponi penali ta' natura kriminali u li kieku l-leġislatur intenda t-taxxa addizzjonali bħala reat kriminali kien jinkludiha fil-kategorija ta' reati kriminali. Isegwi allura li taxxa addizzjonali mposta mill-intimat Kummmissarju tat-Taxxi Interni ma tikkwalifikax bħala piena għal reat ta' natura kriminali fil-liġi domestika kif qed jiġi żbaljatament u infondatament allegat mill-kumpanija rikorrenti.

Illi bir-rispett dovut, dak li qed isostni l-kumpanija rikorrenti b'referenza għad-decizjoni ta' Paykar Yev Haghtanak

Limited v Armenia m'hu xejn ħlief l-interpretazzjoni taghha ta' din id-deċiżjoni. Għal kuntrarju ta' dak li qiegħda tissottometti l-kumpanija rikorrenti, dik il-vertenza quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma kienetx dwar jekk kwistjonijiet ta' taxxa addizzjonali humiex ta' natura kriminali, iżda dwar id-dritt għall-smigħ xieraq ai termini ta' l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni. Il-fatti tal-każ kienu li l-appellant Paykar Yev Haghtanak ma ħallasx il-Court fees sabiex jintavola appell quddiem il-Court of Cassation. F'dak il-kaz il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-penali mposti biss biex tevalwa jekk tistax tapplika l-Artikolu 6(1). Fil-fatt jirrizulta li f'dak il-każ il-penali mposti kienu ta' natura ben diversa fosthom profit tax, V.A.T., simplified tax, additional surcharges u fines u d-deċizjoni tal-Qorti hawn fuq imsemmija f'ebda' mument ma' ekwat kwistjoni ta' taxxa addizzjonali ma proċeduri kriminali fis-sens li jidher li qed tirreferi għaliha l-kumpanija rikorrenti. Inoltre, il-liġijiet fiskali jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor u dak li seta' kien eċċessiv fil-każ kwotat mill-kumpanija rikorrenti ma japplikax awtomatikament għal każ in kwistjoni jew għal-liġijiet fiskali f'Malta.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-Bord kien sostanzjalment ġust meta iddeċieda li:

"Dwar is-severita' tat-Taxxa Addizzjonali ta' Lm1,910 (Fol 88) il-Bord ikkalkula din fil-livell ta' 10.3% fuq iċ-ċifra tad-dħul taxxabbli minn Negozju u Sengħa kif deċiż ex ufficio mill-KTI (fil-livell ta' lm18,468), u fil-livell ta' 31.8% fuq l-ammont tat-taxxa pagabbli fuq l-istess dħul (jiġifieri Lm6,002) – (Fol 88). Dawn il-persentaġġi ċertament ma humiex eċċessivi u/jew severi (fil-kuntest tal-kriterji Engel)."

Illi l-esponenti jixtiequ jinnotaw li għalkemm decizjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' sservi ta' indikazzjoni għall-Qrati ta' Malta, bħala pajjiż li huwa parti fl-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan ma jfissirx li tali sentenza hija awtomatikament applikabbli f'kull stat firmatarju irrispettivament minn jekk ic-cirkostanzi tal-kaz jew is-

sistema legali humiex differenti minn dik eżaminata fis-sentenza.

Illi t-taxxa addizzjonali hija taxxa amministrattiva regolata mill-Kap 123 tal-Ligijiet ta' Malta li tapplika awtomatikament meta kont ta' taxxa ma jkunx tħallas. Isegwi għalhekk li kull appell intavolat quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali dwar stima ta' taxxa inevitabilment tinkludi t-taxxa addizzjonali. Fil-Każ 165, Volum 5 tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell fil-pagni 63 u 64 il-Qorti ta' l-Appell qalet li: -

'… johrog mill-istess ligi li ghaliha t-taxxa addizzjonali hija taxxa bħal kull taxxa ohra imponibbli taħt l-istess Att u toħrog permezz ta' stima li minnha it-taxpayer għandu dritt ta' Appell'. Allura, dato ma non concesso li għandu jiġi applikat id-dritt tas-silenzju, il-preżunzjoni ta' l-innoċenza u r-regola dwar l-oneru tal-prova għal dak li jikkonċerna taxxa addizzjonali, kif qed żbaljatament jitlob l-appellant, dan mhux proċeduralment possibbli għaliex la t-taxxa addizzjonali tiddependi fuq l-istima tat-taxxa ma tistax tinġieb prova kontra tagħha sakemm mhux dik il-prova li tista' tnaqqas l-istima, liema prova trid issir ai termini ta' l-Artikolu 35(3) tal-Kap 372."

Illi di più, dan ir-reklam għall-hekk imsejjaħ "dritt għas-silenzju" da parti ta' l-esponent, l-esponent isibu verament diffiċli biex jifhmu. Dan speċjalment fil-kuntest ta' proċeduri inizjati mill-appellant stess. Huwa ċar illi fil-proċeduri in kwistjoni ma hemm xejn xi jżomm lill-appellant milli jibqa 'sieket' però l-konsegwenza tkun illi huwa ma jippruvax il-każ tiegħu u t-talbiet tiegħu jiġu neċessarjament miċħuda. Għalhekk ċertament f'każijiet bħal dawn is-"silenzju" ta' l-appellant jiġġjova pjuttost milli jippreġudika lill-kontroparti konvenuta;

Illi l-istss jingħad dwar l-allegata applikabilità ta' "preżunzjoni ta' innoċenza" li hija għal kollox irrilevanti fil-kuntest ta' kawża ta' indoli ċivili fejn huwa min jaġixxi illi jrid jipprova l-każ tiegħu. Huwa ukoll mill-iżjed inawdit fil-kamp fiskali (fejn huwa t-taxpayer illi jkollu l-informazzjoni dwar l-introjtu tiegħu u fejn id-Dipartiment jista' fin-nuqqas

ta' ko-operazzjoni tat-taxpayer jagħmel biss stimi) illi d-Dipartiment jiġi tenut jipprova 'sold b' sold' x'kien l-introjtu tat-taxpayer filwaqt li t-taxpayer ma jkollu ebda obbligu li jiddikjara fedelment x'kien l-introjtu tiegħu. Huwa ċar illi din l-interpretazzjoni ta' dak li skond l-appellant għandha tkun r-regola dwar "l-oneru tal-prova" m'hijiex sostenibbli f'każijiet li sostanzjalment jittrattaw l-assessment ta' dħul ta' taxpayer;

3.7 Inoltre, l-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni jistipula li fil-kaz ta' l-eccezzjonijiet (fost ohrajn) ta' l-ordni pubbliku, il-ligi taghmilha cara li f'dawn ic-cirkostanzi l-ebda haga li hi maghmula skond l-awtorita ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' l-istess artikolu, diment li l-provvediment in kwistjoni jkun gustifikabbli ragonevolment f'socjeta demokratika. Certament il-fatt li l-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni jimponi taxxa addizzjonali fuq cittadini li naqsu milli jottemperaw ruhhom mal-ligijiet fiskali jaqa fil-mansjoni ta' provvediment gustifikat u ragjonevoli. Wara kollox il-kumpanija rikorrenti kienet ben konxja tal-fatt li dan il-kaz kien ghadu pendenti.

3.8 Illi in kwantu l-kumpanija rikorrenti qed tallega l-ksur ta' l-Artikolu 6, jigi rilevat ukoll li l-kumpanija rikorrenti ma sofriet ebda ksur tad-dritt xieraq li, fi kwalunkwe kaz, ma jistax jigi invokat biex jiggustifika non-osservanza tar-regolamenti tal-ligi. Fil-fatt fir-rikors promutur m'hemm l-ebda fatti li jindikaw ksur ta' dan l-artikolu stante li t-taxxa addizzjonali giet imposta skond il-ligi b'konsegwenza diretta ta' l-agir irregolari tal-kumpanija rikorrenti. L-esponenti jissottomettu wkoll li l-interpretazzjoni li l-kumpanija rikorrenti qed taghti tal-kwadru tal-fatti ta' kif sehhew fir-realta hija inkorretta u zvijanti stante li ghalkemm huwa minnu li din il-vertenza damet tiggebbed ghal aktar minn ghoxrin sena, effettivament l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni kien informa lill-kumpanija rikorrenti fit-2 ta' Awissu 1980. Ghalhekk jidher li l-kumpanija rikorrenti baqghet titrattjeni sabiex tottempera ruhha ma' dak rikjest mill-ligi sabiex tuza din l-iskuza ghall-vantagg taghha. L-esponenti jissottomettu li jekk vertenza ghadha pendenti bonus pater familias kien izomm id-dokumenti necessarji (li jirrizulta li qatt ma

pprezenta) sakemm ma l-kaz jigi finalment rizolt. Ghalhekk l-argumenti tal-kumpanija rikorrenti ma jreggux stante li hi stess ghazlet li tibqa inadempjenti.

3.9 Illi fir-rigward tar-raba, l-hames, is-sitt u s-seba talbiet dedotti fir-rikors l-intimati jissottomettu li ma twettaq ebda ksur tad-dritt fondamentali li jaghti lok ghal rimedju effettiv fit-termini ta’ l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan kemm minhabba l-fatt li l-kumpanija rikorrenti ma sofriet ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali protetti bil-Konvenzjoni kif ukoll stante illi jirrizulta car li kemm l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni kif ukoll il-Bord tal-Kummissarji Specjali waslu ghad-decizjoni taghhom ai termini tal-Kap 372 u 123 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gharblu il-provi kollha tal-kaz skond ir-rekwiziti tal-ligi u tal-gustizzja.

Illi in vista tat-terminu qasir disponibbli ghar-risposta ta’ l-intimati stante li l-Avukat Generali gie notifikat l-Erbgha 29 ta’ April 2009 u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie notifikat l-Hamis 30 ta’ April 2009 l-intimati jitolbu li jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Għaldaqstant, l-esponenti ghar-ragunijet fuq esposti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tal-kumpanija rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jirrizulta ebda ksur ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll abbinat ma’ l-Artikolu 35 tal-Kap 372; u ta’ l-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta’ Kummissarji Speċjali tat-22 ta’ Diċembru 2008, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija rikorrenti John Geranzi Limited (C-506).

Rat id-dikriet taghha tal-4 ta’ Mejju 2009 li bih gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali.

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-kawza l-Avukat Generali fejn gie sottomess:-

1. Illi preliminarjament l-esponent Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna u ghalhekk

ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-prezenza tieghu fil-kawza m' hijiex necessarja jew indikata fit-terminu tal-Artikolu 181B tal-Kap 12.

2. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li l-kumpanija rikorrenti ma esawrietx ir-rimedji ordinarji ai termini tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta liema appell mid-decizjoni tal-Bord quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) il-kumpanija rikorrenti tidher li ma tridux jinqata'.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-esponent jassocja ruhu mar-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u tal-Prim Ministru pprezentata fl-4 ta' Mejju 2009.

4. Inoltre, l-esponent jopponi t-talbiet kollha tal-kumpanija rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jirrizulta ebda ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll abbinat ma' l-Artikolu 35 tal-Kap 372; u ta' l-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-esponent ghalhekk jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonferma l-legalita tad-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali tat-22 ta' Dicembru 2008, bl-ispejjez kontra l-kumpanija rikorrenti John Geranzi Limited (C-506).

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju 2009 minn fejn jirrizulta li l-partijiet, b'referenza ghall-eccezzjoni rigwardanti li ma gewx ezauriti r-rimedji ordinarji kollha qabel inbdew dawn il-proceduri, iddikjaraw li jaqblu li sar appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali liema appell pero' ghadu pendenti u ghadu mhux deciz.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari indikata fl-imsemmi verbal tas-sediuta tal-15 ta' Gunju 2009.

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza dwar l-istess eccezzjoni preliminari.

Ikkonsidrat:-

Fir-rikors promotur taghha s-socjeta' John Geranzi Limited taghmel referenza ghall-vertenza li hi ghandha mal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema vertenza tirrigwarda stima addizzjonali kalkolata mill-imsemmi intimat dwar it-taxxa dovuta mis-socjeta'rikorrenti ghas-sena ta' Stima 1977. Is-socjeta rikorrenti oggezzjonat, fit-terminu li trid il-ligi, ghall-imsemmija stima addizzjonali, pero' l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, wara hafna snin rrifjuta, b'mod formali, l-imsemmija oggezzjoni. In vista tar-rifjuit tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni s-socjeta' rikorrenti setghet tadixxi t-Tribunal tal-Kummissarji Specjali sabiex tikkontesta l-istima addizzjonali tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dan l-appell sar quddiem it-Tribunal imsemmi.

L-istess Tribunal iddecieda l-appell b'sentenza tat-22 ta' Dicembru 2008 billi cahad l-appell u kkonferma l-likwidazzjoni kif mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fost affarijiet ohra l-istess Tribunal iddecieda (a) li l-ittra tar-Rifjut tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghalkhemm mhux ghal kollox korretta, m'ghandiex titqies li hi nulla; (b) li l-meritu tal-proceduri de quo ma kienx preskritt nonostante li l-ittra tar-rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni nharget seba u ghoxrin (27) sena wara li saret l-oggezzjoni da parti tas-socjeta' rikorrenti; (c) li l-kreditu vantat mill-intimat kontra s-socjeta' rikorrenti ma jibqax kwistjoni restrittivament fiskali izda jsir wiehed civili; (d) li n-nuqqassijiet in kwestjoni m'ghandhomx jitqiesu li huma reati kriminali. F'dan ir-rigward it-Tribunal sostna li dikjarazzjoni illecitament baxxa ta' dhul, fil-ligi Maltija hi meqjusa bhala offiza fiskali, u zgur mhux bhala offiza kriminali; (e) li l-persentaggi li fuqhom gew kalkolati l-multi u l-penalitajiet in kwestjoni m'ghandhomx jitqiesu li huma eccessivi jew severi wisq.

Fil-presenti proceduri s-socjeta' rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni, bid-dewmien tieghu, kif ukoll is-sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Specjali u l-proceduri segwiti minn dan il-

Bord jiksru d-drittijiet u libertajiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39 u kif ukoll protetti mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319. Qed titlob ukoll li jigi dikjarat li l-vertenza in kwestjoni dwar taxxa addizjonali hi "criminal charge" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamenatli tal-Bniedem u li kwindi s-subinciz (3) tal-Artikolu 35 tal-Kap 372 ma japplikax u l-garanziji kollha tal-imsemmi artikolu 6 ghandhom japplikaw ghal dan il-kaz. Is-socjeta' rikorrenti qed titlob ukoll li jigi dikjarat li l-Bord tal-Kummissarji Specjali kiser l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem ghaliex filwaqt li kkundanna l-passivita' guridika tal-intimat ma pprovdix rimedju effettiv ghal tali nuqqas. Inoltre qed jintalab li jigi ffissat il-kumpens xieraq dovut lis-socjeta' rikorrenti u li tithassar l-imsemmija sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Specjali tat-22 ta' Dicembru, 2008 u li jinghataw rimedji ohra, direttivi ohra u kumpens iehor li skond din il-Qorti huma xierqa.

Fost diversi eccezzjonijiiet ohra l-intimati kollha jissottomettu li din l-azzjoni hi intempestiva stante li s-socjeta' rikorrenti ma esawrietx ir-rimedji ordinarji kollha qabel ma pprocediet b'din il-kawza, b'mod partikolari ma sarx appell mid-decizjoni tal-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). In effett hi dina l-eccezzjoni li qed tigi deciza bil-presenti sentenza.

Mill-imsemmi verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju 2009 jirrizulta li, b'referenza ghall-eccezzjoni li qed tigi deeciza, il-partijiet qablu li, in effett, sar appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali quddiem il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) liema appell pero' ghadu pendenti u ghadu mhux deciz. Inoltre jidher li l-imsemmija Qorti tal-Appell issoprassjedit sakhemm jigu decizi l-presenti propceduri. Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti qabel ma ppresentat il-presenti rikors intavolat appell quddiem il-qorti kompetenti mid-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali u b'hekk jidher li f'dan ir-rigward is-socjeta rikorrenti ssodisfat dak li

trid il-ligi billi esawriet ir-rimedji kollha ordinarji qabel ma intavolat dawn il-proceduri. Hu minnu li l-proceduri tal-appell mid-decizjoni tal-Bord ghadhom pendenti pero' dan ma jfisser xejn ghall-finijiet tal-artikoli in kwestjoni stante li appuntu l-Qorti kompetenti waqfet mis-smiegh tal-appell sakhemm jigu decizi l-presenti proceduri. Jidher inoltre li kienet l-istess Qorti tal-Appell li invitat lis-socjeta' rikorrenti biex tinizja din l-azzjoni ta' indole kostituzzjonali.

Nonostante li jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti esawriet ir-rimedji kollha ordinarji jista jigi rilevat li l-ligi tipprovdi li din il-Qorti ghandha l-fakolta' li tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tar-rikors f'kaz li jirrizulta li s-socjeta rikorrenti ma esawritx r-rimedji kollha ordinarji li ttiha il-ligi qabel ma gew intavolati l-proceduri kostituzzjonali. F'dan ir-rigward il-ligi tipprovdi li jekk il-Qorti tqis li jkun hekk desiderabbli, tista tirrifjuta li tittratta u tiddeciedi r-rikors meta kien hemm jew seta' jkun hemm mezzi xierqa ordinarji ta' rimedju għall-allegat ksur.

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994, fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" wara li ezaminat numru ta' sentenzi qalet li "minn din ir-rassenja ta' sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gjurisprudenzjali - (a) meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli; (b) din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti konferit lilha mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni; (c) kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu; (d) meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' ser jirrimedja hlief in parte l-lanjanzi tar-rikorrent; (e) meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero'

dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta’ haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz; (f) meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”

Essenzjalment dawn huma l-prinċipji ġenerali li l-Qorti tadopera sabiex tasal għall-konkluzjoni jekk tuzax id-diskrezzjoni tagħha jew le. Fil-kawza “Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et” (Qorti Kostituzjonali – 5 ta’ April 1991), l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kienet sostniet li minn ezami akkurat tas-subinciz (1) u (2) ta’ l-artikolu 46 (dak iz-zmien 47) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju o meno tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment. Il-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Dicembru, 2003 (“Joseph Bartolo vs L-Onorevoli Prim Ministru et”) irriteniet illi “r-regola li trid li min jirrikorri ghar-rimedju straordinarju jkun qabel fittex ir-rimedji ordinarji kollha ma hix xi regola teknika ta’ applikazzjoni awtomatika u thalli lill-Qorti diskrezzjoni biex tara jekk, fic-cirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun bizzejjed ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali, sabiex ma jsirx rikors ghar-rimedji straordinarji meta dawk ordinarji kienu jkunu bizzejjed.”

Hu ovvju li l-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, mill-banda l-ohra, pero’, dan il-proviso m’ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher prima facie li ghandu kaz serju li jista’ jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi uzata fl-ahjar

interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex minn naha l-wahda il-Prim Awla u l-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inondati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319. Kwindi fin-nuqqas ta' disposizzjoni legali li tistabilixxi prinċipju assolut li wieħed għandu dejjem tassativament l-ewwel jadixxi Qorti ordinarja, minkejja l-possibbli esistenza ta' rimedji ordinarji li ma gewx utilizzati mir-rikorrent, peress illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma serji bizzejjed u jissollevaw kwistjonijiet importanti ta' dritt ikun aktar opportun li tittieħed konjizzjoni ta' dik il-kawza.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti thoss li, anke kieku jirrizulta li s-socjeta rikorrenti ma esauritx ir-rimedji kollha ordinarji l-Qorti m'ghandiex tiddeklina li tittratta l-ilmenti tar-rikorrenti, liema lmenti huma gravi u serji bizzejjed li jimmeritaw li jigu decizi. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimati jisthoqqilha li tigi rigetta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati kollha riwardanti l-esawriment tar-rimedji ordinarji  u tddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta tat-14 ta' Marzu 2011.

Spejjez kollha kontra l-intimati in solidum bejnithom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------